KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 36

Is-sitta u tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fis-6.14pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Financial Statements 2014*
6. *Budget 2015*
7. *Locality Meeting 2015*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

1 **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 35_20/01/2015

1.2 Is-Sindku irrefera għall-punt 2.1 u talab li tizdied il-kelma 'specifiku' bejn 'skop u tagħhom' ta' l-ewwel frazi. *Korrezzjonijiet*

1.3 Il-Vici Sindku irrefera għat-tabella tad-*disabled* li hemm fil-*playing field* ta' Gnien Indipendenza u qal li għalkemm twaħħlet, din mhux tiġi osservata. Kien hemm qbil li jibda jkun hemm *spot checks* minn *security officers*. Kien hemm qbil ukoll li nistaqsu lil *contracts manager* biex imur josserva wkoll.

1.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 2.3 u qal li fil-bidu tat-tielet sentenza trid tizdied 'Fil-bollard ta' fuq il-bollard l-oħra'.

1.5 Is-Sindku irrefera għall-punt 2.7 u talab li ssir korrezzjoni flok laqgħa mal-Ministeru tat-Turizmu trid tiġi 'laqgħa ma' CSD' kif ukoll fl-aħħar parti tas-sentenza tizdied il-kelma 'diġa' qabel ezistenti.

1.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 2.11 u talbet li ssir korrezzjoni fl-aħħar parti tas-sentenza li tinqara 'f'dak il-kaz ma jkunx jista jsir'.

1.7 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 2.17 dwar 'no parking stickers' u qal biex jiġi specifikat għal 'meta jkun hemm xogħlijiet, permessi ta' cranes, high up etc.,'

1.8 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għall-punt 2.14 għall-parti ta'nofs tal-paragrafu u l-frazi trid tinqara 'Is-Sindku qal li l-impressjoni tidher li ma jridux..'

1.9 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 3.4 u qal li l'istħarriġ kien tal-AKL.

1.10 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għall-punt 4.6 u qalet li għall-ħarġa tizdied il-frazi li se jkun hemm ukoll 'zjara għand il-President'.

1.11 Il-Kunsillier P. Radmili irrefera għall-punt 5.1 u qal li hu kien qal 'li qabel ma' toħroġ pubblikament għanda nitkellmu l-ewwel mal-Ministru.

1.12 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 5.4 u kien hemm qbil li l-aħħar frazi tiġi korretta kif ġej : 'Is-Segretarju Ezekuttiv qal li se jkun hemm forma ta *Circular bus* li se jkollha rotta f'partijiet ġodda f'Tas-Sliema

1.13 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 8.1 numru 3. Il-kelma 'trukkijiet' trid tiġi specifikata 'kategorija Euro 4 'l fuq'

1.14 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 35_20/01/2015. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 35_20/01/2015*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-proċess għall-*embellishment* proġett ta' Gnien Indipendenza beda miexi. Is-SE qal li l-Kunsill irid jara kif se jkun d-dawl qabel ma jitwaħħlu l-cameras. Il-Kunsill talab għall-kwotazzjoni mill-perit ta' *survey* tal-gnien, u wara li din ircivejniha, giet accettata u x-xoghol beda. Kien hemm qbil li xogħol jibda jsir skont il-prijoritajiet bħal l-ewwel jinbeda d-dawl, isir ċint għall-ilma tax-xita, jitwaħħlu l-cameras, jittraġaw il-canopies etc., Il-Kunsill għandu jimxi bi projorita u skond il-fondi li hemm allokati għal dan il-proġett. *Proġett Gnien Indipendenza*

2.2 Il-Kunsillier M. Brigulgio tkellem dwar *solar panels.* Is-Segretarju Ezekuttiv qal li taf tkun problema minħabba l-*batteries.* Il-Viċi Sindku qal li kien semma l-Ing. Louis Borg. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa mas-Sur Borg u jiddiskuti xi *options* li jezistu għal sistemi ta' dwal sostenibbli u l-Kunsill jimxi minn hemm mal-Perit tal-Kunsill.

2.3 Dwar il-*bollards* ta' Triq Bisazza il-Kunsill ġie infurmat li ingħatat l-ordni biex jitwaħħlu. Il-Kunsillier P. Portelli talab li jingħata *time frame.* *Bollards - Bisazza*

2.4 Dwar l-ittra li intbgħatet lir-residenti ta' Triq is-Salvatur is-Segretarju Ezekuttiv qal uħud interpretaw l-ittra li l-Kunsill qiegħed jimponi u ħafna ma qablux li jinbiddel l-isem tat-triq. *Triq is-Salvatur*

2.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għal *resurfacing* li hemm bzonn fi Triq Manwel Dimech. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel huma l-ewwel tlett pulzieri tat-triq. Triq Manwel Dimech

2.5 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kellu jiltaqa ma kuntraturi li ħadmu fi Triq Sir Arturo Mercieca

Triq Sir Arturo Mercieca biex jagħtu kontribut tal-ispejjez tat-triq. Is-SE talab li tingħata data mill-Kunsilliera responsabbli biex tkun tista ssir din il-laqgħa.

2.6 Il-Viċi Sindku irrefera għat-tender dwar l-iskart riċiklat u talab li jkun hemm *cameras* fejn il-*bring in sites*. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li se jkun hemm *interviews* għaz-zewġ applikanti u l-Kunsill ikun jista jistaqsi. *Tender – Skart Riciklat*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li joħroġ ftit mis-seduta fis-7pm*

2.7 Is-Sindku irrefera għall-laqgħa li kellu mal-Ministru dwar l-RPS. Il-Ministru informa li għadhom għad iridu jaraw kif se taħdem is-sistema l-ġdida tat-trasport pubbliku qabel ma tittieħed deċizjoni fuq tas-Sliema. Is-Sindku iddiskuta mal-Ministru l-fatt li l-Kunsill huwa urtat għaliex l-iskema tar-*residential parking* tħalliet f'lokalitajiet oħra u twaqqfet biss f'Tas-Sliema.

*Il-Kunsillier M. Briguglio daħal lura għas-seduta fis-7.05*

2.8 Is-Sindku qal li jħoss li fl-interess tar-residenti għandha tittieħet azzjoni. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li din hija deskriminizzjoni għax għalkemm Tas-Sliema ġiet klassifikata mal-Belt ir-*residential parking* tħalliet fil-Belt u f'Tas-Sliema tneħħiet. Qal ukoll li f'San Giljan għad hemm l-RPS minkejja li qegħda tiġi implementata s-sistema ġdida tat-trasport pubbliku. Il-Kunsillier P. Portelli qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jagħmel *press conference*.

2.9 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li min-naħa l-oħra hi kella ilmenti minn residenti li ma jaqblux ma' din l-iskema.

2.10 Is-Sindku qal li jħoss li l-Kunsill zamm il-paċenzja għal zmien twil u qal li spjega lill-Ministru li l-Kunsill mhux għax irid dik l-iskema bilfors, u lest li jiddiskuti izda trid tinstab soluzzjoni minħabba l-problema kbira ta' parkeġġ f'Tas-Sliema. Is-Sindku qal li bl-ebda mod ma jrid li jakkuza lill-Ministru tal-pozizzjoni li għandu mal-Gvern, irid biss li tissolva din il-problema.

2.11 Is-Sindku qal li jixtieq li tiġi prezentata din is-sitwazzjoni. Il-Kunsillier P. Portelli propona li ssir *press conference*. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi taqbel li tistenna għaliex qiegħed isir ħafna xogħol dwar is-sistema tat-trasport.

2.12 Il-Kunsill qabel li ssir *press conference* nhar is-Sibt 14 ta' Marzu 2015 fl-10 ta' filgħodu u min irid mill-Kunsilliera jattendi. Kien hemm qbil ukoll li jitkellem u jirrispondi s-Sindku biss. *Press Conference*

3. **APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET**

3.1 Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.2 Il-Viċi Sindku irrefera għall-kontijiet tal-LK u saqsa jekk ix-xogħol li ma sarx sew hux inkluz f'dan il-kont. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li le u l-Kunsill dejjem iħallas l-ammont finali fuq ċertifikazzjoni tal-perit. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid isolvi l-problema tal-*patching*. *Patching*

3.3 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-pagament tal-WI FI u qal li dan l-aħħar m'hemmx internet fil-librerija. Ġie nnotat li l-kontijiet tal-WI FI huma b'ammont esaġerat. Ġie deċiz li l-pagament jinzamm *on hold* sakemm tinstab soluzzjoni aħjar. *Wi Fi*

3.4 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-pagament numru 30 pagabbli lill-AKL dwar skema tas-saħħa. Huwa qal li meta kellu kaz partikolari u kien kiteb, ma kienux bgħatu risposta lura. Il-Kunsill qabel li mhux bilfors napplikaw għal *health scheme* mal-AKL. Kien hemm qbil li dan il-pagament jinzamm *on hold*. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jinkludi l-*health scheme* meta jiġi biex tiġedded tender tal-*insurance* tal-Kunsill. *Skema tas-saħħa*

3.5 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għall-pagament numru 41 pagabbli lill-KOPTASIN rigwar *traffic signs* etc. Ġew prezentati l-invoices għall-aktar verifikazzjoni. Ġie nnotat li saru *sleeping policeman* fi Triq Amery u Triq Santa Rita li l-ammont tagħhom kien wieħed għoli. Is-Sindku spjega li dawn kienu rikjesti mir-residenti ta' dawk it-toroq stess. *Sleeping policeman*

3.6 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-pagment għal bins u staqsa fejn se jitwaħħlu. Huwa talab ukoll biex jitwaħħal wieħed fi Triq Falzon. Ġiet ipprezentatata mappa fejn jistgħu jitpoġġew dawn il-bins. Kien hemm qbil li jiġu mmarkati fuq il-mappa l-bins li diġa hemm ezistenti. *Bins*

3.7 Fuq punt 3.5 u 3.6 ta' din is-seduta ġie deċiz li biex jitwaħħlu *sleeping policeman* u *bins* jiġu mressqa Kunsill, b'hekk kulħadd ikun kopert bid-deċizjoni tal-Kunsill, għaliex normalment meta jitwaħħlu *bins* jew *speed ramps* ikun iridu jerġgħu jinqalgħu għax ikun hemm ilmenti minn ħaddieħor.

3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq pagamenti oħra mhux inkluzi fl-iskeda ta' Tony Aquilina u tal-LK ta' xogħlijiet fit-toroq ġew iċċertifikati mill-perit. Kien hemm qbil li dawn il-pagamenti jiġu approvati.

3.9 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

*Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li l-items 5 u 6 jiġu diskussi qabel mill-accountant tal-Kunsill.*

**5. FINANCIAL STATEMENTS 2014**
**6. BUDGET 2015**

5.1 l-accountant tal-Kunsill ta' spjegazzjoni tal-*financial statements.*

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal għas-seduta fit-20.04*

5.2 Ġie nnotat li din id-darba l-Kunsill mar tajjeb fi skemi governattivi.

5.3 Ġie nnotat li sar ħafna *patching* estensiv. Għad hemm xogħol li sar madwar sentejn ilu li għadu mhux ċertifikat minn perit u għad irid jitħallas.

5.3 Ġie nnotat wkoll li saru ħafna spejjez, u morna *over budget* għall-manutenzjoni fil-lokal.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.15*

5.4 Il-Kunsill irid jikkonsidra s-servizz tal-knis li qiegħed isir zejjed fix-Xatt. Affarijiet oħra li qegħdin jinvolvu ħafna spejjez se jiġu diskussi waqt *finance committee meeting.*

5.5 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar l-allokazzjoni tal-Wasteserv dwar ir-rimi ta' skart fil-landfill u l-Kunsill irid ikun jara li ma jiġborx ta' ħwienet ħalli ma jizdidux l-ispejjez għall-*landfill.*

5.6 Ġie nnotat wkoll li l-ispejjez relatati mal-IT qiegħed jizdied. Ġie nnotat ukoll li hemm ammont kbir ta' spejjes relatati ma servizzi ta' Wi Fi. Kien hemm qbil li naraw l-areas kollha ta' Wi Fi li għandna f'Tas-Sliema u l-Kunsill jsejjaħ *call for quotation* għal servizz wieħed. Ġie nnotat ukoll li qiegħed ikun hemm diversi *calls* għal *Wi Fi*

support ta' IT u jista jkun li ċertu *computers* għandhom bzonn ta' *upgrade* minħabba li ilhom għal tul ta zmien. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega fuq fuq li hemm ħsieb li jkun hemm xi arranġamenti fir-*reception area* tal-Kunsill u l-*upgrades* ikunu *part and parcel* mal-proġett.

5.7 Ġie nnotat li l-Kunsill għandu ħafna spejjez u jrid izomm mal-allokazzjoni li tidħol, b'hekk ikun jista jaħdem bi prijoritajiet u mal-*budget*. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jkun tajjeb li x-xogħol jitqassam b'mod ugwali lil kulħadd.

5.8 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-importanza li l-Kunsill eventwalment ikollu sistema kompjuterizzata ta' *works order* ħalli b'hekk il-Kunsill ikun jaf il-pozizzjoni li qiegħed waqt li jiġu ordnati x-xogħlijiet.

5.9 Fost affarijiet oħra ġew diskussi li ċertu affarijiet jridu jinqatgħu bħal baned u tizjin għall-Milied eċċ. Il-Kunsill ma jistax jagħti garanzija li din is-sena se jingħataw. Il-Kunsill qabel li għandu jsir l-*finance committee meeting* biex isir *cost cutting* u jintgħazlu prijoritajiet.

5.10 Il-Kunsill approva l-*financial statements* 2014 kif ukoll *Budget* 2015

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-9pm*

## 7. LOCALITY MEETING 2015

7.1 Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali issir nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2015 fis-6pm.

7.2 Kien hemm qbil ukoll li tiġi rriklamata sew lir-residenti biex ikun hemm attendenza tajba. Kien hemm qbil li tiġi riklamata fil-Gazzetta tal-Gvern, *facebook, notice boards* tal-parroċċi u *notice boards* tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tinbgħat ittra wkoll fi djar tar-residenti.

7.3 Fir-rigward għall-post fejn se jsir, il-Kunsill għandu jġib kwotazzjoni ta' zewġ lukandi.

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Dan l-item ma setax jiġi diskuss minħabba l-laqgħa se tiġi

aġġornata. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-kumitat tat-tenders għandu jiltaqa qabel ħalli jkun jista jiġi rraportat x'intqal waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

## 8. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Dan l-item ġie pospost għall-laqgħa oħra tas-suġġerimenti.

## 9. AGGORNAMENT

9.1 Is-Seduta spiċċat fl-21.15. Seduta oħra ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2015 fis-6pm.

Minuti approvati llum 13/04/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**